**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum it-Tlieta, sitta (6) ta' Mejju 2025

Kawża Nru 237/2021

**Il-Pulizija**
***(Spettur Josef Gauci)***

vs

**Neil Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Neil Schembri**, iben Carmel u Margaret xebba Seychell, imwieled Ħaż-Żabbar fit-tlettax (13) ta' Lulju 1990 u residenti numru sebgħa (7), "Joemar", Triq San Leopoldu, Żurrieq, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 335590(M) talli f'dawn il-Gżejjer, fil-ħdax (11) ta' Lulju 2019 għall-ħabta tas-siegħa neqsin kwart ta' wara nofsinhar

(12:45hrs) fi Triq id-Duluri u Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

(1) f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien jinstab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Mercedes Benz bin-numru tar-reġistrazzjoni BAJ220 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u b'mod perikoluż;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq jew ipprova jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura bil-mutur bin-numru BAJ220 tal-għamla Mercedes Benz fi triq jew f' post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;[3]

U aktar talli nhar id-disgħa (9) ta' Lulju 2019 u/jew fil-ġranet ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer:

(4) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni

[1] Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba’ (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f’dawn iċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq f’dawn il-Gżejjer:

(5) ikkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta’ probation, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D nhar is-sitta (6) ta’ Frar 2018 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

(6) kiser ordni ta’ trattament, meta wettaq reat fi żmien il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ Trattament, hekk kif ikkontemplat f’Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, mogħtija

mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., nhar is-sitta (6) ta’ Frar 2018.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna wkoll l-iskwalifika tal-liċenzja tal-imputat għal dak iż-żmien li l-istess Qorti jidrilha li huwa xieraq, u dan skont l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta’ Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta’ Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara fis-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Settembru 2024 li hija kienet qiegħda teżenta lill-Qorti milli terġa’ tisma’ mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Semgħet lid-Difiża tiddikjara fis-seduta tat-tnax (12) ta’ Novembru 2024 li hija kienet qiegħda teżenta lill-Qorti milli terġa’ tisma’ mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Rat ix-xhieda kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li l-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-għaxra (10) ta' Lulju 2019 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12:30hrs) il-Pulizija ġew infurmati minn xi nies li kien seħħ argument ġewwa l-istabbiliment Mellows f'Marsalforn. Il-Pulizija marru fl-istabbiliment indikat fejn ġew infurmati minn persuna ta' nazzjonalita barranija li żewġ persuni oħra kellhom argument miegħu għal xejn b'xejn. Persuna impjegata fl-istabbiliment indikat lill-Pulizija li dawn iż-żewġ persuni kienu rikbu fuq vettura tal-għamla Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni BAJ 220 u kienu telqu minn fuq il-post.

Peress li l-vettura reġgħet dehret iddur fl-inħawi, il-Pulizija stennew biex jaraw jekk din il-vettura kinitx sejra tgħaddi minn fejn l-istabbiliment. Dan pero ma seħħx. L-uffiċjal tal-Pulizija li kien mar fuq il-post – li kien PC 1280 Joseph Portelli – telaq mill-istabbiliment.

Hekk kif dan kien miexi fi Triq id-Duluri innota l-vettura indikata lilu bil-bibien miftuħin wieqfa f'nofs it-triq. Huwa ra lil żewġ persuni jargumentaw barra l-vettura. PC 1280 avviċinahom u staqsiehom x'kien ġara iżda dawn baqgħu jargumentaw, rikbu fil-vettura u telqu.

PC 1280 għamel kuntatt mal-Pulizija tas-sezzjoni tal-mobile u saret tfittxija għal din il-vettura fl-akwati ta' Marsalforn iżda din il-vettura ma reġgħetx dehret.

Ġara li wara din it-tfittxija hekk kif il-Pulizija tal-mobile kienu reġgħin telgħin ir-Rabat, Għawdex innutaw il-vettura in kwistjoni wieqfa fil-bidu tat-triq li mit-triq prinċipali ta' Marsalforn tagħti għal Wied ta' Marsalforn. Persuna minnhom kienet barra mill-vettura filwaqt li persuna oħra kienet bilqiegħda fuq is-seat tax-xufier. Iż-żewġ persuni kienu qegħdin jargumentaw.

Il-Pulizija dawwru l-vettura tas-servizz u marru ħdejn din il-vettura.  Hekk kif waslu ħdejn il-vettura, sabu lix-xufier b'għajnejh maqluba u minnufih talbu għall-assistenza medika.

Ix-xufier ġie identifikat bħala Neil Schembri.  Mill-Isptar il-Pulizija ġew infurmati li Schembri ma kienx fil-perikolu tal-mewt iżda ma kienx konxju u li x'aktarx kien taħt l-effett ta' xi droga.

Eventwalment wara li ħareġ mill-Isptar, il-Pulizija ħadet stqarrija lil Schembri fejn dan fost affarijiet oħra ammetta li dakinhar li kienu sabuh il-Pulizija kien qed isuq taħt l-effett tal-alkoħol u li jumejn aktar qabel kien għamel użu mill-kokajina.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-ewwel tlett (3) akkużi, il-Qorti tinnota li din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tat-tnax (12) ta' Frar 2022 kienet iddikjarat l-ewwel tlett (3) akkużi bħala preskritti.  In vista tad-deċiżjoni li ġia ittieħdet f'dan ir-rigward minn din il-Qorti diversament preseduta, din il-Qorti għalhekk hija kostretta li tiddikjara l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' dawn l-ewwel tlett (3) akkużi bħala estinta.  Jibqgħu għalhekk x'jiġu indirizzati r-raba' (4) akkuża li tikkonċerna pussess ta' droga kokajina u l-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża li jikkonċernaw il-ksur ta' ordni ta' probation u ordni ta' trattament rispettivament.

Rigward ir-raba’ (4) akkuża, l-unika prova li hemm f’dan ir-rigward hija biss l-ammissjoni tal-akkużat fl-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija fil-ħdax (11) ta’ Lulju 2019. M’hemm l-ebda prova oħra f’dan ir-rigward. Fil-kawża fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta’ Malta vs Salvatore sive Saviour Bugeja</u>**,[4] il-Qorti tal-Appell Kriminali speċifikat is-segwenti:

> *“Issa hu aċċettat li kull dikjarazzjoni tal-akkużat magħmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista’ tinġieb bħala prova kontra tiegħu w l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista’ tittieħed bħala prova tal-ħtija tiegħu. Ta’ spiss jingħad li l-konfessjoni tal-akkużat hija l-prova reġina. ‘.... Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument .. If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admissible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to unintentionally misinterpreted by the witnesses. (Archbold page 376)”*

[4] Deċiża tlieta (3) ta’ Diċembru 2004.

L-istess Qorti għamlet riferenza għal dak li jgħallem il-Mamo fuq dawn il-konfessjonijiet li ma jsirux quddiem l-Awtorita ġudizzjarja:

> "*Extrajudicial Confessions are those where the defendant either expressly confesses his guilt or makes admission of facts from which his guilt may be implied, under any circumstances other than those described in respect of judicial confessions. They may be in writing or oral.*
>
> *So that a confession may be received in evidence against the person who made it the law (sec.658) requires that it shall appear that such confession was made voluntarily and was not extorted or obtained by means of threats or intimidation, or of any promise or suggestion of favour. There is no presumption in law that a confession not free and voluntary is false; it is excluded on the ground that improper threats or promises may influence an accused or suspected person to say what is not true, and therefore a confession made in such circumstances cannot be safely acted upon.*
>
> *It is obviously right that a person knowing his guilt should, if he so wishes, confess at the earliest*

*opportunity, and there is no reason why he should be discouraged from so doing. But the law requires that the confession shall have been made voluntarily and, in the practice of our courts, the prosecution must give affirmative 'prima facie' evidence that it was so made. The law says 'voluntarily' and not 'spontaneously'……"*[5]

Il-Qorti kompliet tgħid wkoll li:

*"Għalkemm dawn it-tip ta' konfessjonijiet allura huma ammissibbli bħala prova, madanakollu min irid jiġġudika jrid jimxi b'kawtela kbira meta jkun hemm ammissjonijiet li ma jsirux quddiem xi awtorita' investigattiva jew ġudizzjarja, fejn allura jrid isir stħarriġ mill-qorti dwar jekk hemmx evidenza oħra li hija kompatibbli o meno ma' tali konfessjonijiet u ċioe' jekk hemmx provi diretti jew provi indizzjarji univoċi li jagħtu is-saħħa lill-istqarrijiet extra-gudizzjarji inkriminatorji."*

Il-Qorti tara li din l-istqarrija ġiet meħuda validament skont il-liġi u li l-istess akkużat kienet ingħata d-drittijiet legali kollha tiegħu qabel irrilaxxa l-istess stqarrija.  L-akkużat għażel li jirrinunzja għad-drittijiet legali tiegħu fosthom li huwa jikkonsulta ma'

[5] Paġni 100 u 101 tan-noti dwar il-Proċedura Kriminali tal-Professur Mamo.

Avukat tal-fiduċja tiegħu qabel l-istqarrija kif wkoll li jkollu l-Avukat preżenti waqt l-istess stqarrija. Id-dokument tar-rifjut li ġie preżentat huwa wieħed validu u li sar skont il-liġi. Għalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm xi problema bl-ammissibbilita ta' din l-istqarrija bħala prova.

Apparti minn hekk hemm elementi oħra li jindikaw li l-akkużat abbuża mid-droga u li għalhekk jkomplu jsaħħu l-konfessjoni magħmula minnu fl-istqarrija mogħtija minnu lill-Pulizija:

(a) fil-mument li l-akkużat instab mill-Pulizija, huwa kien mixħut fuq is-seat tax-xufier tal-vettura BAJ 220 b'għajnejh maqlubin u infatti ġiet imsejħa ambulanza li ħaditu l-Isptar;

(b) wara li Schembri idaħħal l-Isptar u l-Pulizija għamlet *follow-up* fuq l-istat ta' saħħa tiegħu, il-Pulizija ġew infurmati li Schembri kien stabbli. Pero ma kienx konxju u li x'aktarx kien taħt l-effett ta' droga. Dan jirriżulta mill-affidavit ta' PS 1061 J. Zammit.[6]

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti, ir-raba' (4) akkuża tirriżulta.

Rigward il-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża, jingħad li għalkemm fis-sitta (6) ta' Frar 2018 l-akkużat kien instab ħati ta' akkużi oħra u

[6] Fol. 20 tal-proċess.

ġie impoġġi taħt ordni ta' probation u ordni ta' trattament u inġabet wkoll prova li dawn is-sentenzi għaddew in ġudikat, il-Qorti tinnota li d-digrieti propja li permezz tagħhom l-akkużat ġie impoġġi taħt l-ordni ta' probation kif wkoll taħt l-ordni ta' trattament u l-kundizzjonijiet relattivi għal dawn l-ordnijiet baqgħu qatt ma ġew preżentati. Il-Qorti temmen li dawn id-digrieti kellhom jiġu preżentati. Il-fatt li dawn ma ġewx preżentati jfisser li l-Qorti ma għandhiex f'idejha l-kundizzjonijiet marbuta mal-istess ordnijiet li ingħataw. Il-Qorti għalhekk ma tqisx li f'dan ir-rigward l-Prosekuzzjoni ġabet l-aħjar provi biex issostni dawn iż-żewġ akkużi. Din il-Qorti tqis li kif il-Prosekuzzjoni rnexxielha tottjeni kopja tas-sentenzi relattivi, ma kellu jkollha l-ebda diffikulta biex tottjeni d-digrieti relattivi għall-ordinijiet li ġew magħmula f'dawn is-sentenzi. Għalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-akkużat mill-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża.

- **Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Din il-Qorti tqis li fil-mori ta' dawn il-proċeduri ġie introdott l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kap. 537 fejn il-pussess ta' drogi fi kwantitajiet minimi u f'ċirkustanzi ċari li jindikaw li tali pussess kien għall-użu personali ġie dekriminalizzat. Minn qari tal-istess Kap. 537 m'hemm xejn li jipprekludi l-applikabbilita ta' dan l-Att għall-każijiet li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, kif sewwasew hu dan il-każ.

Illum il-ġurnata, każijiet simili m'għadhomx aktar kompetenza ta' din il-Qorti iżda saru kompetenza tal-Kummissarji tal-Ġustizzja, bil-pieni applikabbli jkunu penali bejn ħamsa u sebgħin ewro (€ 75) iżda mhux aktar minn mija u ħamsa u għoxrin ewro (€ 125). Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li għandha tapplika l-minimu tal-penali u dan tenut kont li: (a) l-akkużat kellu problema ta' abbuż mid-droga u jidher li qed jagħmel progress biex joħroġ minn din il-problema hekk kif sewwasew ħareġ mis-social inquiry report li sar fil-mori ta' dawn il-proċeduri; (b) l-akkużat ikkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija u anke ammetta li kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina mal-ewwel opportunita li huwa kellu.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti:

(a) fid-dawl ta' dak dikjarat minn din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2022, il-Qorti **<u>qiegħda tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuża</u>** stante li l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dawn l-istess akkużi ġiet dikjarata li hija preskritta minn din il-Qorti diversament preseduta;

(b) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-ħames (5) u tas-sitt (6) akkużi</u>** u qiegħda tilliberah minnhom;

(c) wara li rat l-artikoli 9, 10, 11, 22 u l-Ewwel Skeda tal-Kap. 101, ir-regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta **<u>qiegħda issib lill-akkużat ħati tar-raba' (4) akkuża u qiegħda tikkundannah għall-ħlas ta' penali ta' ħamsa u sebgħin ewro (€ 75).</u>**

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur